# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1046/16MH**

**Illum 19 ta' Frar 2021**

**Radoslav Stantchev Fournadjiev (K.I. 0021055A)**

**vs**

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-attur Radoslav Stantchev Fournadjiev tal-14 ta' Novembru 2016** permezz ta' liema huwa ppremetta illi:

**XXXXXX**

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Bank of Valletta plc tat-18 ta' Jannar 2017** permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Illi, kuntrarjament għal dak illi huwa allegat fir-Rikors Ġuramentat, 1-attur ġie ritwalment u validament notifikat bil-kawża, Rikors Ġurament numru 35/2015 LM fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Radoslav Stantchev Fournadjiev" u ma hemm xejn invalidu jew x'jiġi ritrattat u dan kif jirriżulta mil- atti ta1-istess kawża.*

*2. Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizziu, it-talba għar-ritrattazzjoni hija ukoll infondata stante illi, l-istess rikorrent ma għandu l-ebda difiża li l-attur għandu xi jġib fil-kawża, stante illi huwa debitur tas-soċjeta' esponenti fis-somma kanonizzata fl-imsemmija sentenza Ċitazzjoni numru 35/2015 LM.*

*3. Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, ma hemm l-ebda raġuni valida fil-Liġi, għar-revoka jew it-tħassir tal-provvediment tad-9 ta' Awwissu 2016 li bih, Din l-Onorabbli Qorti ordnat il-Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeg Immobbli u il-ftuħ tal-atti tas-Subbasta numru 52/2016.*

*4. Illi, it-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Illi, dwar il-fatti, kif esposti fir-rikors Ġuramentat, l-esponenti tikkontestahom u jekk jidhirlu l-attur għandu jġib il-prova ta' dak li qed jallega."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat l-atti tal-kawża Rik Ġur 35/2015LM fl-ismijiet *Bank of Valletta plc vs Radoslav Stantchev Fournadjiev*[1] u l-atti tal-proċeduri ta' subbasta Nru 52/2016 ukoll f'dawk l-ismijiet[2] li jinsabu allegati mal-atti tal-kawża odjerna.

Rat li l-proċeduri tħallew għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra.

**Ikkunsidrat:**

L-attur intavola l-proċeduri odjerni sabiex jitlob it-tħassir u r-revoka ta' sentenza mogħtija kontrih fit-13 ta' Lulju 2015 Rik Ġur Nru 35/2015 a tenur tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-revoka u t-tħassir tad-digriet li bih din il-Qorti diversament preseduta kienet ordnat il-qbid ta' ħwejjeġ immobbli mogħti fl-atti tas-subbasta nru 52/2016. Huwa qiegħed jitlob ukoll li ssir ritrattazzjoni tal-proċeduri Rik Ġur Nru 35/15 għar-raġunijiet minnu mogħtija fl-istess rikors promotur.

---

[1] Digriet tat-13 ta' Jannar 2017 a fol 85A
[2] Digret tal-11 ta' Jannar 2019 a fol 105

Minn naħa tiegħu l-Bank konvenut jirribatti li l-attur ġie ritwalment u validament notifikat bl-atti tal-kawża mpunjata u li ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi sabiex it-talbiet attriċi jintlaqgħu.

Sintetikament mill-atti jirriżulta li bis-saħħa tal-ewwel parti tal-kuntratt datat 30 ta' Novembru 2007[3] l-attur ingħata self mill-Bank konvenut fis-somma ta' €100,163.06 (Lm43,000) sabiex huwa jkun jista' jixtri u jakkwista l-appartament illum mertu tal-proċeduri odjerni f'St. Martin's Court, Triq il-Kubrit, Gżira. Bħala garanzija għal dan is-self, l-attur ikkonċeda favur il-Bank (a) ipoteka ġenerali fuq il-proprjeta' kollha preżenti u futur tiegħu, (b) ipoteka speċjali fuq l-appartament imsemmi u, (ċ) privileġġ speċjali li kien jispetta lill-Bank fuq il-fond skont il-liġi. Fit-tieni parti ta' dan il-kuntratt, l-attur xtara dan l-appartament mingħand terzi li mhumhiex parti minn din il-kawża għall-prezz globali ta' €118, 798.04.

Fil-15 ta' Jannar 2015, il-Bank of Valletta fetaħ il-kawża surreferita Rik Ġur Nru 35/2015 kontra Fournadjiev quddiem din il-Qorti diversament preseduta stante nuqqas ta' ħlas ta' pagamenti dovuti minnu lill-Bank, inadempjenza da parti tiegħu fir-rigward ta' obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt, kif ukoll bidliet materjali fiċ-ċirkustanzi ta' Fournadjiev li jipperikolaw jew jaffetwaw ħażin il-possibilta' ta' ħlas lura tal-imsemmi debitu lill-Bank.

B'sentenza datata 13 ta' Lulju 2015 il-Qorti, wara li kkunsidrat li Fournadjiev, debitament notifikat, baqa' kontumaċi u wara li qieset li t-talbiet dedotti fir-rikors promotur kienu mistħoqqa, laqgħet it-talbiet tal-Bank of Valletta u ordnat lill-istess Fournadjiev iħallas is-somma ta' €101,797.84 bħala bilanċ għad-debitu fil-*Loan Account* tiegħu mal-Bank flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-28 t'Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Sussegwentement, inbeda l-proċess biex tiġi esegwita din is-sentenza. A tenur ta' digriet datat 9 t'Awissu 2016, fuq talba tal-Bank stess, ġie ordnat il-bejgħ bl-irkant tal-appartament in kwistjoni[4].

Fl-1 ta' Settembru 2016, fl-atti tas-Subbasta Nru 52/16 fl-ismijiet *Bank of Valletta plc vs Radoslav Stantchev Fournadjiev* inħatar perit arkitett sabiex jagħmel deskrizzjoni tal-fond u jfisser il-piżijiet, kirjiet u jeddijiet oħra, sew reali kemm personali, jekk ikun hemm, li għalihom dan il-fond jew fondi ikun suġġett, kif

[3] Fol 13 et seq
[4] Fol 37-38

ukoll l-aħħar trasferiment tiegħu. Ġie appuntat ukoll irkantatur sabiex imexxi l-irkant[5].

Fl-14 ta' Novembru 2016 l-attur odjern ippreżenta l-kawża odjerna u wkoll rikors fl-atti tas-subbasta Nru 52/2016 permezz ta' liema a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap 12 huwa talab lill-Qorti tirrevoka *contrario mperio* d-digriet tad-9 t'Awissu 2016 fejn ġie ordnat il-bejgħ tal-appartament in kwistjoni u fin-nuqqas tigi ordnata s-sospensjoni tas-subbasta tal-istess immobbli ai termini tal-artikolu 326 tal-Kap 12[6].

Il-Bank oppona għat-talba mressqa fl-atti tas-subbasta fir-rikors tal-14 ta' Novembru 2016[7] u b'digriet tal-15 ta' Diċembru 2016[8] it-talba ta' Founadjiev ġiet miċħuda wara li l-Qorti qieset li l-fatti riskontrati minnha ma jwasslu għal ebda difett proċedurali kif allegat.

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ **Annunziata Farrugia et vs Crocifisso Gauci et deċiż fil-5 ta' Lulju 2016** ingħad hekk -

"*In tema ta' ritrattazzjoni tajjeb li jiġi ribadit illi:*

*Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeġġjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza loġika illi r-regoli li jigvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza. ... (**Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aquilina,** Appell Ċivili, 18 ta' April 1958).*

*"Din il-Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Austin Bencini nomine v. Dottor Remigio Zammit Pace nomine** deċiża fl-20 ta' Frar 1996 qalet fost affarijiet oħra:*

*"Il-ġurisprudenza tagħna dejjem għallmet li r-rimedju straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga għal prinċipju fondamentali li l-ġudikat jikkostitwixxi l-liġi*

[5] Fol 39
[6] Fol 44-45
[7] 46-47
[8] Fol 49

*bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-ġudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-ġustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kunċett bil-massina res judicata pro veritate habetur. F'dan il-kuntest tista' ssir riferenza għas-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Volum XXV-I-137 fejn tant tajjeb ġie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazjoni;*

*"Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero i supposto errore di fatto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dala legge dovendo in ogni caso prevalere la stabbilita` dell' giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche' l' autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile."*

*"Minn dan ... titnissel il-konsegwenza loġika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVIII818). Diversament taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jista' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament joħloq għalih tribuna tat-tielet istanza, (Vol. XLII-I-227) li mhix permessa mil-liġi."*

*– ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet* ***Emmanuel Mallia et v. Le Terrain Limited****."*

B'mod partikolari fir-rigward ta' talba għal ritrattazzjoni minn sentenza tal-prim' istanza, kif inhu l-każ odjern, **l-artikolu 812 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li -

*"Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell."*

Kif ingħad, is-sentenza Rik Ġur 35/2015 ingħatat fit-13 ta' Lulju 2015. B'hekk it-terminu għall-appell skada fit-3 t'Awissu 2015[9].

Il-kawża odjerna nvece ġiet intavolata aktar minn sena wara fl-14 ta'Novembru 2016.

Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur iddikjara li huwa sar jaf li kienet ingħatat is-sentenza mpunjata wara li xi ħadd ħallielu fil-*letter box* tiegħu id-dokument datat

[9] It-2 t'Awissu 2015 kien il-Ħadd.

1 ta' Novembru 2016 notifikat bil-proċedura tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12 permezz ta' liema l-Bank of Valletta kien qiegħed jitlob il-bejgħ bl-irkant tal-fond proprjeta' ta' Fournadjiev mertu tal-proċeduri odjerni.[10]

**Ma tressqu ebda provi li jikkontradixxu din id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attur, u l-Bank konvenut għażel li ma jagħmillu ebda domandi dwar dan l-aspett. Kwindi l-Qorti sejra, fuq bażi ta' probabilta' tqis li, dak li qiegħed jgħid l-attur huwa korrett. Kien jinkombi fuq il-bank li jwaqqa' tali dikjarazzjoni.**

Kwindi ċertament li l-attur huwa meqjus li ġie a konoxxenza tal-proċeduri Rik Ġur 35/2015 aktar minn sena wara li skada t-terminu għall-appell. Di piu' a tenur tal-artikolu 818 (1) (b) tal-Kap 12 it-terminu ta' tlett xhur għall-intavolar ta' proċeduri għal ritrattazzjoni jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha l-attur ikun sar jaf bis-sentenza. Għaldaqstant għal fini tal-każ odjern dan il-kriterju huwa sodisfatt stante li meħuda d-data tan-notifika tad-dokument imsemmi u l-fatt li huwa ntavola l-proċeduri odjerni ftit ġranet wara u ċioe' fl-14 ta' Novembru 2016, it-talba għar-ritrattazzjoni saret *entro* t-terminu stipulat mill-liġi. B'hekk huwa sorvolat ukoll l-argument f'dan ir-rigward imressaq mill-Bank konvenut fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu. [11].

**Ikkunsidrat:**

**Fl-ewwel talba** tiegħu l-attur jibbaża l-pretensjoni tiegħu għat-tħassir tas-sentenza tat-13 ta' Lulju 2015 fil-kawża Ċit Nru 35/2015 fuq l-artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippermetti ritrattazzjoni ta' każ:

*"(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;"*

Fir-rigward ta' dan is-sub-paragrafu dak li jrid jirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt huwa li –

i. Il-parti telliefa ma tkunx ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat; u li
ii. minkejja li ma tkunx irċeviet tali notifika, dik il-parti telliefa ma tkunx dehret fis-smiegħ tal-kawża. Għalhekk huwa wkoll tassattiv lil konvenut ma jkunx issokkomba għal proċeduri kontestati.

[10] Folio 10 dok D
[11] Folio 131.

Huwa paċifiku li fil-proċeduri Rik Ġur 35/2015 l-attur odjern Radoslav Stantchev Fournadjiev mhux biss kien kontumaċi iżda wkoll ma deher **qatt** għal ebda seduta. Huwa kien ukoll il-parti telliefa fil-kawża.

Jifdal għalhekk il-kwistjoni dwar jekk huwa kienx ġie notifikat bir-rikors ġuramentat tal-Bank of Valletta tal-15 ta' Jannar 2015 għal finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Ingħad hekk fil-każ **Martin Agius vs Ronald Agius et deċiż fis-7 ta' Frar 2019-**

*"Jiġi ritenut, li l-Liġi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tiġi osservata ad litteram – (Vol. XVII p.1 p879). Ingħad "Il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi għandha tiġi osservata alla lettera e non per equipollens."*

*Ir-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu osservati ad unguem.*

*(Ara **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**, Qorti tal-Appell – 14 ta' Ġunju 2001).*

*Fil-każ **Said International Ltd vs MAC Ltd. et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2003, ingħad:*

*"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti ġudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet speċifiċi fil-Kodiċi ta' Proċedura (Kap 12) u li l-validita` tagħha tista' biss treġi jekk jiġi pprovat konkluživament illi n-notifika saret skont kif fl-istess dispozizzjonijiet maħsub." (Ara ċ wkoll **Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud vs Medairco Ltd. et**, Qorti tal-Appell, deċiża fil-11 ta' Novembru 2011)."*

Sottolineati dawn il-prinċipji, jirriżulta li fil-każ in eżami Rik Ġur 35/2015 l-Qorti, b'digriet tal-21 ta' Jannar 2015[12] appuntat il-kawża għas-smiegħ għas-17 ta' Frar 2015 u ordnat lill-Bank fost affarijiet oħra sabiex jinnotifika lil Radoslav Stantchev Fournadjiev bir-rikors maħluf b'terminu ta' għoxrin jum sabiex iressaq ir-risposta maħlufa tiegħu. Ġiet ordnata wkoll in-notifika tal-Avviż tas-Smiegħ lill-partijiet.

[12] Fol 45 tal-atti Rik Ġur Nru 35/15

Mill-folder tan-notifika a fol 47, jirriżulta li t-tentattiv ta' notifika tar-rikors ġuramentat u tal-Avviż ta' Smiegħ lil Fournadjiev kellu eżitu negattiv stante li skont ir-riferta tat-30 ta' Jannar 2015 ma fetaħ ħadd. In-notifika ħarġet fuq l-isem "Radoslav Stantchev Fournadjiev" fl-indirizz "St.Martin's Crt B, Flat 5, Triq il-Kubrit, Gżira.

Sussegwentement, fit-13 ta' Frar 2015[13], il-Bank intavola rikors fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għan-notifika ta' Fournadjiev wara l-ħinijiet legali. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Qorti li ddegretat ukoll li f'każ ta' eżitu negattiv, il-Bank kellu jgħaddi għan-notifika bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni[14].

Fit-2 ta' Marzu 2015 inħarġet notifika wara l-ħinijiet legali. Mill-folder a fol 57 din in-notifika kellha tkopri r-rikors ġuramentat flimkien ma' dokumenti u Avviżi. Fuq dan il-folder, l-isem u l-indirizz tal-attur odjern huma l-istess bħal dawk tal-folder a fol 47. Skont ir-riferta tal-Marixxal tal-5 ta' Marzu 2015, tali atti ma ġewx notifikati peress li għal darb'oħra ma fetaħ ħadd.

Fl-24 ta' Marzu 2015 inħarġet notifika għall-affissjoni u pubblikazzjoni tar-rikors ġuramentat flimkien ma' rikors u Avviżi. Mill-folder a fol 59 in-notifika bl-affissjoni kellha ssir lill-attur odjern (bl-isem u ndirizz identiku għall-folders preċedenti) lill-Kunsill Lokali tal-Gżira u lill-għassa tal-Pulizija tal-Gżira. Dan flimkien mal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Skont ir-riferti tal-Marixxal in-notifika ta' dawn l-atti bil-proċedura tal-affissjoni lill-attur odjern, lill-Kunsill lokali u l-għassa tal-Gżira saret fit-30 ta' Marzu 2015.

Fl-14 t'April 2015[15] saru pubblikazzjonijiet tal-Avviż tas-Smiegħ tal-kawża f'żewġ ġurnali lokali, waħda bil-lingwa Maltija u l-oħra bil-lingwa Ingliża.

Fis-seduta tal-24 t'April 2015, peress li kien għad jonqos il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, il-Qorti ddifferiet il-kawża għad-9 ta' Ġunju 2015.

Waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2015 deher id-difensur tal-Bank, xehdet rappreżentanta tal-istess Bank u filwaqt li ġie dikjarat li l-Bank ma kellux aktar provi, l-kawża ġiet differita għat-13 ta' Lulju 2015 għas-sentenza. Ma saret ebda referenza għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fl-atti tal-kawża Rik Ġur 35/2015 ma hemm ebda kopja li turi li saret tali pubblikazzjoni.

Fit-13 ta' Lulju 2015 ingħatat is-sentenza fil-kawża Rik Ġur 35/2015.

---

[13] Fol 50 tal-atti Rik Ġur Nru 35/15

[14] Fol 56 tal-atti Rik Ġur Nru 35/15

[15] Fol 61 u 62 tal-atti Rik Ġur Nru 35/15

**Ikkunsidrat:**

**L-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrilha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil."*

Għalhekk għall-validita' tagħha a tenur ta' dan is-subartikolu -

i. notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, **<u>U</u>**

ii. billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi, **<u>U</u>**,

iii. meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza.

Ingħad hekk fil-każ **Francis Fenech vs Raymond Mallia deċiż fit-28 t'April 2003** -

*"Issa s-subinċiż (3) ta' l-Artikolu 187 jaħseb għal mod kif għandha ssir in-notifika bl-affissjoni fil-każ li mir-riferta tal-Marixxal ikun jirriżulta li l-persuna li trid tiġi notifikata, għalkemm tinsab Malta, b'danakollu d-dħul fil-lok fejn hi tkun toqgħod ma jkunx jista' jsir jew il-lok tad-dar tagħha ma jkunx magħruf;*

*F'sitwazzjoni bħal din il-Qorti, għalkemm fakoltativa għaliha, tista' tordna li n-notifika ta' l-att issir:-*

*i. "billi titwaħħal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċċjali"*

***u***

*ii. "billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skond kif il-qorti tiddeċiedi";*
*Tajjeb li jiġi hawn osservat illi una volta l-Qorti taderixxi mat-talba konduċenti għan-notifika ta' l-att bl-affissjoni, imbagħad, jinkombi li l-formalita` sħiħa tad-dispost tal-liġi msemmi tiġi segwita u eżegwita. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu di rigore, tant li jiddistingwi t-test tal-liġi fl-istat attwali tagħha minn dak li kien preċedentement qabel l-emendi ntrodotti għall-Kodiċi bl-Att XXIV ta' l-1995. Fejn qabel kellek l-għażla bil-fatt tal-preposizzjoni "jew" illum l-użu tal-konġuntiv "u" elimina l-alternattiva u rrenda tassattiv kemm it-twaħħil ta' l-att fil-post indikat kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' estratt ta' l-att;*

*Jekk qabel l-użu tal-kelma "jew" kellha effett diżġuntiv fis-sens li minnha seta' jitnissel li l-leġislatur kien qiegħed jipprospetta formalitajiet distinti, fil-qagħda preżenti l-legislatur ried li biex in-notifika bl-affissjoni tista' titqies valida din għandha tirrivesti l-formalita sħiħa u kompleta tagħha;*

*Tradott għal każ in eżami jirriżulta illi għalkemm sar it-twaħħil ta' l-att fl-Għassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema (ara riferta tat-30 ta' Mejju 1996 a fol. 122), eppure l-istess ma jistax jingħad għal formalita' tal-pubblikazzjoni billi din ma tirriżultax li ġiet adempita, kif mil-liġi rigorosament rikjest;*

*Minn dan kollu relatat jitnisslu dawn ir-riflessjonijiet:-*

*(a) Fl-ewwel lok il-liġi tippreċiża b'mod kristallin kif għandhom isiru n-notifiki ta' l-atti u kif allura jiġi żgurat li kopja ta' l-att li bih jiġu inizzjati proċeduri fil-kontenzjuż kellha tiġi notifikata lill-persuna konvenuta;*

*(b) Fit-tieni lok il-liġi tiddekreta wkoll kif notifika bħal din setgħet titqies li tkun leġittima u valida. Naturalment dan dejjem skond il-proċedura viġenti fil-mument*

*li l-Qorti tkun ordnat li ssir in-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni u ta' l-avviż tas-smigħ tal-kawża u fiż-żmien meta dik il-kawża tiġi minnha deċiża;"*

Imbagħad fil-każ **Emanuel Magri vs Joseph Vancell et deċiż fil-15 t'April 2002** il-Qorti qalet hekk -

*"Illi, fid-determinazzjoni tal-kwestjoni mqanqla mill-attur, il-Qorti qegħda iżżomm quddiem għajnejha wkoll li l-kawżali mressqa minnu tagħmel sejħa għall-applikazzjoni tal-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali dwar is-smigħ xieraq. L-attur jgħid li kien minħabba li ma saritx notifika lilu tal-atti tal-kawża li huwa naqas milli jidher fl-ewwel proċedura u li wasslet biex bis-sentenza li ngħatat kien kundannat iħallas lill-atturi f'dik il-kawża l-ammont hemm imsemmi;*

*Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura mfissra fl-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Proċedura għandha tiġi segwita b'reqqa u n-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha.* ***Meta l-artikolu msemmi jgħid kif għandha ssir in-notifika, juri ċar li n-notifika bil-mezz tal-pubblikazzjoni u (fejn il-post tar-residenza tal-imħarrek ikun magħruf) bil-mezz tat-twaħħil tal-att ma jpattux għal xulxin, fis-sens li t-tnejn li huma jridu jkunu twettqu***[16]*. Mela jekk inhu minnu, kif qiegħed jgħid l-attur, li l-kopji tal-atti tal-kawża ma twaħħlux mal-bieb tad-dar tiegħu, ma jistax jingħad li l-proċedura tan-notifika ġiet imħarsa kif trid il-liġi, minkejja li l-pubblikazzjoni saret kif imiss;"*

Ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmen Debono et. vs Anton Grech**[17]

*"Illi għalhekk ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jigu osservati ad unguem*[18]*. B'mod partikolari, l-proċedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali, mertu ta' din il-kawża, hija proċedura straordinarja u għandha ssir b'kawtela kbira għaliex jekk ma ssirx kif suppost tkun qegħda timpingi fuq id-dritt ta' fair hearing. Tajjeb li jigi hawn osservat ilIi ġaladarba l-Qorti taderixxi mat-talba konduċenti għan-notifika tal-att blaffissjoni, imbagħad, ikun jinħtieġ li l-formalita` sħiħa tad-dispost tal-ligi msemmi tigi segwita u eżegwita di rigore*[19]*.* ***Il-proċedura ta' notifika permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni għandha tigi segwita b'reqqa u nnuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-***

[16] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[17] Deċiża 2/4/2019 rikors 716/2014GM
[18] (ara Qorti ta' l-Appell 14.06.2001, Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat).
[19] Fis-sentenza fl-ismijiet Francis sive Frank Fenech vs Raymond Mallia noe, (PA 28/4/2003 (PS) il-Qorti irriteniet ilIi: '

***siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha. Jekk tali proċedura ma tigix segwita t-talba għar-ritrattazzjoni għandha tigi milqugħa.***[20]

*Illi d-disposizzjoni msemmija tibda biex telenka **f'liema ċirkostanzi l-qorti tista' tordna li tista' ssir in-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni**:*

*Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab lil-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att:*

(i) *ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta*

***u***

(ii) *d-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir,*

***jew***

(iii) *il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf. Fil-waqt li l-proċedura tan-notifika bil-pubblikazzjoni għandha l-importanza tagħha, min jistitwixxi proċeduri legali għandu jagħmel tentattiv serju biex isir jaf fejn joqgħod l-imħarrek u ma jirrikorrix għall-proċedura imsemmija jekk mhux meta assolutament mehtiega. L-imħarrek għandu dritt jigi notifikat biex jiddefendi ruhu u l-proċedura tan-notifika skond l-artiklu 187 (3) ma għandhiex tigi abbuzata, anke jekk ma jidhirx li dan sar f'din il-kawza.*[21]

*Min-naħa l-oħra, għalkemm hu desiderabbli li qabel ma tintuza din il-proċedura jsir tentattiv ta' notifika wara l- hinijiet legali, pero`, il-liġi ma tesiġix dan, u għalhekk in-nuqqas li jsir hekk, ma jwassalx għan-nullita` tan-notifika.* [22]

---

[20] Emanuel Magri v oseph Vancell 15.04.2002 Prim'Awla (Imħ. .R. Micallef)

[21] Charles Grech v Domestica Ltd 04.10.2004 Prim'Awla (Onor. oseph Azzopardi, illum Prim Imħallef)

[22] Francis Bergedahi v Francis Formosa 06.05.2011 Qorti tal-Appell (STO Silvio Camilleri, Albert J Magri, Tonio Mallia

*Imbagħad l-istess liġi timponi tassattivament minimu ta' ħames elementi li jridu jikkonkorru kollha kemm huma biex notifika bħal din tkun valida:*

(i) *billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali,* ***u*** *billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta* ***u***[23] *f'ġurnal ta' kuljum* ***wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi****. Mhux bizzejjed li ssir biss il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern biss u notifika li ssir b`dan il-mod ma tkunx valida.*[24]

*Fejn qabel kellek l-għazla bil-fatt tal-preposizzjoni "jew" illum l-użu tal-konġuntiv "u" elimina l-alternattiva u rrenda tassattiv kemm it-twaħħil tal-att fil-post indikat kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' estratt ta' l-att;*

*Jekk qabel l-uzu tal-kelma "jew" kellha effett diżġuntiv fis-sens li minnha seta' jitnissel li l-leġislatur kien qiegħed jipprospetta formalitajiet distinti, fil-qagħda prezenti l-leġislatur ried li biex in-notifika bl-affissjoni tista' titqies valida din għandha tirrivesti l-formalita` sħiħa u kompleta tagħha;*[25] ***u,***

(ii) *meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura* ***mal-bieb ta' dik ir- residenza. Huwa*** *wkoll mehtieġ ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun magħruf ", illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal- bieb ta' dik ir-residenza.*[26]

*Il-liġi tesiġi li titwaħħal kopja tal-att u xejn iżjed: "Il-konvenut jgħid li hu, f'kull kaz, ma sab ebda att imwahhal mal-bieb tar-residenza tiegħu. Din il-Qorti ma tarax li din il-affermazzjoni, anke jekk emnuta, twassal għal helsien tal-konvenut mill-istat tal-kontumacja. L- Artikolu 187(3) irid biss il-pubblikazzjoni f'gurnal u fil- Gazzetta tal-Gvern, u li "titwahhal" kopja mal bieb; la trid li dak li jkun ikun qara l-gurnal, u lanqas li jinduna bl-att mal- bieb tiegħu. Il-liġi timponi kriterji oġġettivi u darba jirrizulta li dak li trid il-liġi twettaq, il-konvenut f'kawza*

---

[23] qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV.1995, din il-prepożizzjoni kienet "jew" minflok "u".
[24] Francis Fenech v Raymond Mallia 28.04.2003 Prim'Awla (Onor. Imħ. Philip Sciberras); Mario Tonna v Holland u Hallett Limited 27.06.2003 Prim'awla (Onor. Imħ. Philip Sciberras)

-

[26] Mario Tonna v Holland u Hallett Limited 27.06.2003 Prim'Awla (Imħ. Philip Sciberras)

*għandu jitqies notifikat għal kull fini u effetti tal-liġi. Ma jkunx logiku li l-konvenut jithalla jehles min-notifika billi jgħid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tiegħu; kieku dan jigi accettat, jigi stultifikat l-iskop tal-liġi. Il-liġi trid tagħti l- pubblicita` l-aktar ampja possibbli għall-avviz ta' kawza, pero`, fl-ahhar mill-ahhar, trid timponi test oġġettiv għax altrimenti dak li jkun ikun jista' dejjem isib mezz kif jahrab min-notifiki. Kieku l-liġi riedet prova li l-att imwahhal mal-bieb jinqara mill-persuna li gie notifikat, mhux biss dan kienet tgħidu, izda wkoll ma kenitx tinsisti fuq pubblikazzjoni tal-att, għax la darba l-att jingabar, in-notifika tkun saret! Id-diversi mezzi ta' pubblicita` li tipprovdi l-liġi ġew magħmula biex jindikaw, iuris et de iure, notifika personali u darba dak li trid il-liġi ġie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax tahrab mill-effetti tal- istess.*

*"Kieku l-Qorti kellha tadotta test soġġettiv, dan mhux biss jagħti lok għal abbuż, iżda jiġi imminat l-effett ta' res iudicata, peress li jinfetħu wkoll il-bibien għar-ritrattazzjoni a bażi tal-Artikolu 811(b) tal-istess Kap. 12, b'mod li sa ħames snin wara s-sentenza, dak li jkun jista' jattakka d- decizjoni billi jgħid li ma kienx gie notifikat – għax ma sabx l-affissjoni mal-bieb!*

*"Kif gia` ingħad, jekk nesigu li dak li jkun ikun effettivament induna bl-affissjoni, allura ma jkunx hemm lok la għall-pubblikazzjoni u lanqas għall-affissjoni mal-Għassa u l- Kunsill Lokali, għax dawn ikunu inutili – għax il-Qorti trid tkun ċerta li l-konvenut qara l-kopja imwaħħla mal-bieb tiegħu. Il-liġi, pero`, ma titlobx dan: hi tipprovdi għall-pubbliċita` l-aktar wiesgħa possibbli, iżda ma tesiġix li dak li jkun induna bl-att ippubbliċizzat. Jekk se nesigu qari tal-att, allura n-notifika tkun trid issir dejjem bil-purtier u personali, u ma jkun hemm qatt skop ta' notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni. Dan jikkonferma l-oġġettivita` tal-proċedura.*

*"Wiehed irid ifakkar ukoll li l-ġurament tal-konvenut, f'dan il-kaz, mhux kontrollabbli u hu differenti minn ġurament dwar meritu li huwa kontrollabbli mill-parti l-ohra li jista' jressaq provi kuntrarji. F'dan il-kaz jekk il-konvenut jgħid li ma sabx l-att mal-bieb, m'hemmx x'tagħmel, la mill-parti l- ohra u lanqas mill-Qorti, għax ma tistax tikkontradixxi dik l-istqarrija. Huwa minħabba l-impossibbilita` ta' kontradizzjoni li l-liġi timponi test oġġettiv: jekk ġew esegwiti l-proċeduri li trid il-liġi, allura nnotifika saret"*[27]

[27] Francis Bergadahi v Francis Formosa 06.05.2011 Qorti tal-Appell (STO Silvio Camilleri, Albert Magri, Tonio Mallia)

(iv) *Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il- persuna li lilha għandhom ikunu notifikati*

(v) *U tistipula żmien minimu li għandu jgħaddi wara li ssir il-pubblikazzjoni u affisjoni:*

(v.1) *F'dawk il-każijiet in- notifika għandha titqies li tkun saret* ***fit-tielet jum ta - ogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema ti i l-aktar tard***

(v.2) *F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir* ***b'urġenza****, innotifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew ilpubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil.*

***Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi.***[28] "

Il-Qorti għazlet li tirriproduċi din il-ġurisprudenza għax turi biċ-ċar l-importanza tal-pubbliċita' fil-kunċett ta' l-istitut ta' l-affissjoni **ta' kull att** li bih għandu jiġi notifikat l-interessat, fil-kaz tagħna l-konvenut u dan in omaġ ta' dak li huma l-prinċipji bażiċi ta' smiegħ xieraq.

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tagħmel is-segwenti -

**i. Għal dak li jirrigwarda l-proċedura bl-affissjoni**, skont ir-riferti tal-marixxal fil-każ in eżami, kopja tar-rikors ġuramentat flimkien ma' rikors u l-avviż ta' smiegħ twaħħlu fil-Kunsill Lokali tal-Gżira u l-għassa tal-pulizija tal-istess lokal.

---

[28] ara, għalkemm ma ssemmix il-ħames element, Three Barrels Ltd v Joan Schembri 13.07.2001 Qorti tal-Appell (STO Joseph Said Pullicino, Carmel A. Agius, Joseph D Camilleri)

Peress li l-indirizz tal-attur huwa magħruf, kopja ta' dawn l-atti twaħħlet ukoll mar-residenza in kwistjoni.

Il-Qorti tinnota li l-attur odjern jargumenta li l-affissjoni ma setgħetx saret mal-bieb tiegħu peress li l-indirizz fejn saret tali affissjoni cioe' St Martin's Court, flat 5B, Triq il-Kubrit, Gżira mhuwhiex ir-residenza tiegħu.

Il-Qorti tqis dan l-argument bħala wieħed fieragħ.

Skont l-karta tal-identita' tal-attur l-indirizz tiegħu huwa St Martins Court, Flat 5B, Triq il-Kubrit, Gżira[29].

Mill-atti tal-kawża Rik Ġur 35/2015 jirriżulta li kemm fir-rikors ġuramentat innifsu kif ukoll fil-folder a fol 59 l-indirizz huwa indikat bħala St Martins Court B, Flat 5, Triq il-Kubrit, Gżira.

Jiġi nnutat ukoll li argument simili tressaq mill-istess attur fl-atti tas-subbasta Nru 52/2016.

Dik il-Qorti qalet hekk[30] -

*"Il-Qorti tqis il-lanjanza mhux ġustifikata għaliex kemm il-kuntratt tal-akkwist u kemm ir-reġistru elettorali jindikaw l-indirizz bħala Block B, Flat 5. Inoltre fuq mistoqsija tal-Qorti lir-rikorrenti, hu ddikjara illi n-numru tal-appartament tiegħu huwa 5 u ma hemm ebda appartament ieħor bl-istess numru fil-parti tal-blokka tiegħu bl-ittra B.*

*Din hi konferma fil-fehma tal-Qorti li n-notifika li saret bl-affissjoni.....saret skont il-liġi u l-I.D. Card waħedha ma turix indirizz differenti minn dak attwalment jgħix fih u residenti fih ir-rikorrenti."*

Fid-dawl tas-suespost dan l-argument tal-attur dwar l-indirizz sejjer jiġi respint.

Dan ifisser li **<u>sa issa</u>** d-dettami tal-liġi huma meqjusa li ġew osservati għal fini ta' notifika tar-rikors ġuramentat fill-kawża Rik Ġur 35/2015.

ii. **Għal dak li jirrigwarda l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u l-ġurnali lokali** l-Qorti tirrileva fl-ewwel lok li għalkemm fl-atti tal-kawża Rik Ġur 35/2015 ma jirriżultax li ġiet esibita kopja tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-

[29] Fol 7
[30] Fol 49

Gvern, minn tiftix li għamlet il-Qorti fis-sit elettroniku tal-Gazzetta tal-Gvern[31] instab li l-Avviż ta' Smiegħ tal-kawża Rik Ġur 35/2015 ġie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 t'April 2015[32].

L-Avviż ta' Smiegħ ġie ukoll pubblikat f'żewġ ġurnali lokali, L-Orizzont u The Malta Independent[33].
**Madankollu ma tressqet ebda prova li turi li effettivament saret in-notifika bil-pubblikazjoni tar-rikors ġuramentat lil Radoslav Stantchev Fournadjiev fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnali ta' kuljum**.

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li n-notifika bil-pubblikazzjoni tar-rikors ġuramentat lill-attur odjern fl-atti tal-kawża Rik Ġur 35/2015 ma saritx u kwindi mhijiex konformi ma' dak rikjest mill-artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Konsegwentement l-attur odjern huwa ġustifikat fit-talbiet tiegħu stante li għal finijiet u effetti tal-liġi ma jistax jitqies li huwa ġie validament notifikat bir-rikors ġuramentat.

Għall-istess motivi l-eċċezzjonijiet tal-Bank konvenut sejrin jiġu respinti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Bank konvenut;**

**2. Tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti;**

**3. L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-Bank konvenut.**

---

[31] https://www.gov.mt/mt/Government/DOI/Government%20Gazette/Pages/default.aspx
[32] Avviz Nru 566 pagna 5368
[33] Għal kull buon fini jiġi nnutat dwar il-pubblikazzjoni tal-Avviż ta' Smiegħ fil-ġurnali, li l-attur odjern iressaq l-istess ilment dwar l-indirizz tar-residenza tiegħu, imma dan il-punt diġa ġie ndirizzat u kwindi għall-istess raġunijiet sejjer jiġu respint. Fir-rikors promotur huwa lmenta wkoll li f'dawn l-Avviżi ismu deher bħala Radoslav Stantchev mentri ismu sħiħ huwa Radoslav Stantchev u kunjomu huwa Fournadjiev kif jirriżulta mill-karta tal-identita' tiegħu u mill-kuntratt tat-30 ta' Novembru 2007. Iżda lanqas hawn fil-fehma tal-Qorti m'għandu raġun l-attur. Fiż-żewġ ġurnali huwa ġie ndikat b'kunjomu l-ewwel u ismu wara - "Fournadjiev Radoslav Stantchev". Xejn irregolari jew li jista' jagħti lok għal xi dubju leġittimu dwar l-identita' tiegħu. Dan aktar u aktar meta fil-pubblikazzjoni ta' dawn l-Avviżi ġie ndikat ukoll l-indirizz tiegħu. Għalhekk, għall-fini ta' notifika l-pubblikazzjoni tal-Avviż ta' Smiegħ fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnali, tissodisfa l-vot tal-liġi.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**